**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 66/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Joel Falzon**
**Danika Cilia miżżewġa Falzon**
**Sylvan Cilia**
**Paul Farrugia**

**Illum 12 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Joel Falzon**, iben Paul u Anna Maria neè Barber, imwieled il-Pietà fl-1 ta' Frar 1995 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 68495(M), ta' **Danika Cilia miżżewġa Falzon**, bint Anthony u Carolina neè Costa, imwielda l-Pietà fis-26 ta' Novembru 1996 u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 492896(M), ta' **Sylvan Cilia**, iben Anthony u Carolina neè Costa, imwieled il-Pietà fit-3 ta' Diċembru 1998 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 70499(M) u ta' **Paul Farrugia**, iben Joseph u Mary Grace neè Abela, imwieled il-Pietà fit-2 ta' Diċembru 1990 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 10791(M):

1. Talli nhar it-28 ta' Jannar 2019 għall-ħabta ta' l-22:50hrs ġewwa l-Mellieħa, volontarjament taw in-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor, għarix jew xi lok ieħor, meta hemm ġew kien hemm persuna filwaqt tal-ħruq, u cioè taw in-nar lill-vettura CBF-304;

2. U aktar talli matul dawn l-aħħar xhar ġewwa dawn il-gżejjer assoċjaw ruħhom ma persuna jew persuni bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Joel Falzon, Sylvan Cilia** u **Paul Farrugia waħdehom**:

3. Talli fil-lejl ta' bejn it-12 u 13 ta' Jannar 2019, ġewwa l-Mellieħa kkommettew serq ta' vettura ta' l-għamla Mercedes Numru ta' Reġistrazzjoni DJF-953 għad-dannu ta' Simon Vella u jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-lok, ħin, mezz, valur li jeċċedi €2,329.37 u xorta tal-ħaġa misruqa;

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Joel Falzon** u **Sylvan Cilia waħedhom**:

4. Talli fil-lejl ta' bejn l-4 u 5 ta' Diċembru 2018 ġewwa Rabat, Malta, ikkommettew serq ta' sett pjanċi ta' Reġistrazzjoni Numru EAF-105, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

Rat l-imputatazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Joel Falzon waħdu**:

5. Talli nhar it-28 ta' Jannar 2019 għall-ħabta ta' 22:50hrs ġewwa dawn il-gżejjer saq vettura DJF-953 b'manjiera perikoluża, bla kont u traskurata;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostatnzi kkaġuna ħsara involontarja fuq vettura DJF-953 liema ħsara teċċedi €2,500 għad-dannu ta' Simon Vella u/jew persuni oħra;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura DJF-953 bi pjanċi ta' reġistrazzjoni li ma jappartjenux lil dik il-vettura u cioè pjanċi numru EAF-105;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura DJF-953 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni;

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Joel Falzon** u **Sylvan Cilia waħdehom**:

9. Talli kkommettew reat ta' serq u ħruq ta' vettura għal liema reat hemm kontemplat piena ta' priġunerija, fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża definittiva imposta fuqhom mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D., nhar it-8 ta' Novembru 2018;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta lill-imputati **Joel Falzon, Sylvan Cilia** u **Paul Farrugia** bħala recedivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta huma kienu ġew misjuba ħatja u kkundannati għal reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat **Joel Falzon**[1] iddikjara li huwa:

- Ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu b'dana però li r-reat jinkwadra taħt l-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt l-Artikolu 317 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Mhux ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu stante li jirriżulta reat kompletat;
- Ħati tat-tielet, tar-raba', tal-ħames, tas-sitt u tas-seba' imputazzjoni dedotta kontra tiegħu; u
- Mhux ħati tat-tmien imputazzjoni dedotta kontra tiegħu;

Rat li l-imsemmi imputat **Joel Falzon** baqa' sieket fir-rigward tad-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia li kkommetta reat ta' serq u ħruq ta' vettura għal liema reat hemm kontemplat piena ta' priġunerija, fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża definittiva imposta fuqhom mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D., nhar it-8 ta' Novembru 2018, u baqa' sieket ukoll fir-rigward ta' l-addebitu tar-reċediva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputata **Danika Cilia miżżewġa Falzon**[2] wieġbet li hija:

- Ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha b'dana però li r-reat jinkwadra taħt l-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt l-Artikolu 317 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Mhux ħatja tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha stante li jirriżulta reat kompletat;

Rat li l-imputat **Sylvan Cilia**[3] wieġeb li huwa:

- Ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu b'dana però li r-reat jinkwadra taħt l-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt l-Artikolu 317 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Mhux ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu stante li jirriżulta reat kompletat;
- Ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra tiegħu;

Rat li l-imsemmi imputat **Sylvan Cilia** baqa' sieket fir-rigward tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia li kkommetta reat ta' serq u ħruq ta' vettura għal liema reat hemm kontemplat piena ta' priġunerija, fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża definittiva imposta fuqhom mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D., nhar it-8 ta' Novembru 2018 u baqa' sieket ukoll fir-rigward ta' l-addebitu tar-reċediva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat **Paul Farrugia**[4] wieġeb li huwa:

---

[1] Vide verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 2019, fol. 94 tal-proċess.
[2] Vide verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 2019, fol. 95 tal-proċess.
[3] Ibid.
[4] Ibid.

- Ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu b'dana però li r-reat jinkwadra taħt l-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt l-Artikolu 317 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Mhux ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu stante li jirriżulta reat kompletat;
- Ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra tiegħu;

Rat li l-imputat **Paul Farrugia** baqa' sieket fir-rigward ta' l-addebitu tar-reċediva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "AM" sa' Dok. "AM14" a fol. 12 sa' 43 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda mogħtija minn Simon Vella waqt is-seduti tal-11 ta' Frar 2019[5], tas-6 ta' Lulju 2020[6] u tal-31 ta' Awwissu 2020[7], rat il-Procès-Verbal bin-Numru 136/19 a fol. 106 tal-proċess u l-Procès-Verbal bin-Numru 170/19 a fol. 110 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku l-Perit Richard Aquilina mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2019[8] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "RA" a fol. 121 sa' 137 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Forensiku Dr. Daniel Vella mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2019[9] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "DV" a fol. 142 sa' 156 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Dr. Martin Bajada mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2019[10] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MB" a fol. 177 sa' 250 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC405 Jason Schembri mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2019[11] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JS" a fol. 253 sa' 296 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS343 Glen Carabott mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2019[12] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "GC" a fol. 320 sa' 328 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Alessandro Zammit[13] u ta' Charlo Zammit[14] mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2019, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Dr. Mario Buttigieg mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2019[15] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MB" a fol. 342 sa' 416 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Nancy Zammit mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2019[16] u rat it-traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijiet ta' l-imputati magħmula minnha markati Dok. "NZ1" u Dok. "NZ4" a fol. 423 sa' 503 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' John Joseph Brincat mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2019[17] u semgħet ix-xhieda ta' WPS 293 Michelle Camilleri u ta' PC 1331 Darren Debattista mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2019[18] u rat ir-Relazzjoni konġunta tagħhom markata Dok. "MC" a fol. 513 sa' 523 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS 1236

[5] Fol. 100 sa' 103 tal-proċess.
[6] Fol. 649 tal-proċess.
[7] Fol. 666 sa' 668 tal-proċess.
[8] Fol. 120 tal-proċess.
[9] Fol. 138 sa' 141 tal-proċess.
[10] Fol. 175 u 176 tal-proċess.
[11] Fol. 251 u 252 tal-proċess.
[12] Fol. 316 sa' 319 tal-proċess.
[13] Fol. 329 sa' 334 tal-proċess.
[14] Fol. 335 sa' 339 tal-proċess.
[15] Fol. 340 u 341 tal-proċess.
[16] Fol. 421 u 422 tal-proċess.
[17] Fol. 508 sa' 510 tal-proċess.
[18] Fol. 511 u 512 tal-proċess.

Joseph Gatt[19], ta' PC105 Kenneth Cini[20], tal-Probation Officer Svetlana Bezzina[21] u tal-Probation Officer Sharlet Fabri[22] mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2019, semgħet ix-xhieda ta' PC 791 John Borg mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Lulju 2019[23] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "JB" a fol. 540 sa' 543 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Lulju 2019[24] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MS" a fol. 545 sa' 552 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS 1462 John Attard mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Lulju 2019[25], semgħet ix-xhieda ta' Stephen Cachia, rappreżentant ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Settembru 2019[26] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "TM1" sa' Dok. "TM4" a fol. 566 sa' 588 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Marisa Cassar mogħtija waqt is-seudta tat-23 ta' Settembru 2019[27] u rat ir-Relazzjoni tagħha markata Dok. "MC" a fol. 593 sa' 599 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Godwin Scerri mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2019[28] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "GS" a fol. 601 sa' 603 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-ex Spettur tal-Pulizija Spiridione Zammit mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2019[29], semgħet ix-xhieda ta' Eunice Grech Fiorini, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2020[30] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "EGF" a fol. 644 sa' 646 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Caroline Cilia mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2020[31] u x-xhieda ta' l-Espert Tekniku John Sacco[32] mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020 u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JS" a fol. 700 sa' 718 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Christianne Borg, Deputat Reġistratur, mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020[33] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "CB" a fol. 720 sa' 721A tal-proċess;

Rat in-Nota ta 'Rinviju għall-Ġudizzju ta 'l-Avukat Ġenerali datata 8 ta' Ottubru 2020[34], permezz ta' liema bagħat:

Lill-imputat **Joel Falzon** biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 317(b), 318, 48A u 43 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(f)(g), 270, 271(g) u 281(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15(1)(a)(1A)(2) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 328(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[19] Fol. 524 u 525 tal-proċess.
[20] Fol. 526 sa' 528 tal-proċess.
[21] Fol. 529 sa' 531 tal-proċess.
[22] Fol. 532 sa' 536 tal-proċess.
[23] Fol. 538 u 539 tal-proċess.
[24] Fol. 544 tal-proċess.
[25] Fol. 553 u 554 tal-proċess.
[26] Fol. 564 u 565 tal-proċess.
[27] Fol. 591 u 592 tal-proċess.
[28] Fol. 600 tal-proċess.
[29] Fol. 623 u 624 tal-proċess.
[30] Fol. 643 tal-proċess.
[31] Fol. 669 u 670 tal-proċess.
[32] Fol. 698 u 699 tal-proċess.
[33] Fol. 719 tal-proċess.
[34] Fol. 687 tal-proċess.

• Fl-Artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta;
• Fl-Artikoli 28F, 49 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• Fl-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
• Fl-Artikoli 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lill-imputata **Danika Cilia miżżewġa Falzon** biex tiġi ġudikata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

• Fl-Artikoli 317(b), 318, 48A u 43 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
• Fl-Artikoli 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lill-imputat **Sylvan Cilia** biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

• Fl-Artikoli 317(b), 318 u 48A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• Fl-Artikoli 216(b)(ċ)(e)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• Fl-Artikoli 261(f)(g), 270, 271(g) u 281(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• Fl-Artikoli 28F, 49 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• Fl-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
• Fl-Artikoli 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lill-imputat **Paul Farrugia** biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

• Fl-Artikoli 317(b), 318, 48A u 43 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
• Fl-Artikoli 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020[35], il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha u wara li l-imputati kollha ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Rat li b'Digriet datat 8 ta' Ottubru 2020[36] ġiet ordnat li fl-okkju tal-proċeduri, fejn hemm isem l-imputata Danika Cilia, dan jiġi jaqra Danika Cilia miżżewġa Falzon;

Rat li b'Digriet datat 26 ta' Jannar 2021[37], ġie ordnat li jitħejja *pre-sentencing report* fil-konfront ta' kull wieħed mill-imputati;

Semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Svetlana Bezzina mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2021[38] u rat il-*pre-sentencing reports* minnha mħejjija fil-konfront ta' l-imputat Paul Farrugia u ta' l-imputata Danika Cilia miżżewġa Falzon, esebiti bħala Dok. "PF" u Dok. "DC" rispettivament a fol. 748 sa' 768 tal-proċess u a fol. 769

[35] Fol. 696 tal-proċess.
[36] Fol. 689 tal-proċess.
[37] Fol. 737 tal-proċess.
[38] Fol. 743 sa'

sa' 791 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Sharlet Fabri mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2021[39] u rat il-*pre-sentencing reports* minnha mħejjija fil-konfront ta' l-imputati Sylvan Cilia u Joel Falzon, esebiti bħala Dok. "SC" u Dok. "JF" rispettivament a fol. 795 sa' 812 tal-proċess u a fol. 813 sa' 831 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' Caroline Cilia mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021[40];

Rat li b'Digriet datat 23 ta' Settembru 2021 ġie estiż l-inkarigu tal-Probation Officers Sveltana Bezzina u Sharlet Fabri sabiex iħejju rapport dwar l-idonejtà ta' l-imputati **Paul Farrugia**, **Sylvan Cilia** u **Joel Falzon** għal xoghol fil-komunità ai termini ta' l-Artikolu 11 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Sveltana Bezzina mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2021[41] u rat ir-rapport minnha mħejji fir-rigward ta' l-idonejtà ta' l-imputat **Paul Farrugia** għal xogħol fil-komunità markat Dok. "SB1" a fol. 857 sa' 860 tal-proċess u semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Sharlet Fabri mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2021[42] u rat ir-rapporti minnha mħejjija fir-rigward ta' l-idonejtà ta' l-imputati **Joel Falzon** u **Sylvan Cilia** għal xogħol fil-komunità markati Dok. "SF1" u Dok. "SF2" rispettivament a fol. 867 tal-proċess u a fol. 868 u 869 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difensuri ta' l-imputati kollha;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati kollha**:

L-imputati **Joel Falzon, Danika Cilia miżżewġa Falzon, Sylvan Cilia u Paul Farrugia**, **ikoll flimkien**, qed jiġu akkużati: (1) talli nhar it-28 ta' Jannar 2019 għall-ħabta ta' l-22:50hrs ġewwa l-Mellieħa, volontarjament taw in-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor, għarix jew xi lok ieħor, meta hemm ġew kien hemm persuna filwaqt tal-ħruq, u cioè taw in-nar lill-vettura CBF-304.

Huma lkoll wieġbu li huma ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom b'dana però li r-reat jinkwadra taħt l-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt l-Artikolu 317 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda din l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati, il-Qorti tosserva li din oriġinarjament kienet inkwadrata taħt l-Artikolu 316 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, madanakollu però fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 8

[39] Fol. 792 sa' 794 tal-proċess.
[40] Fol. 841 u 842 tal-proċess.
[41] Fol. 855 u 856 tal-proċess.
[42] Fol. 861 sa' 867 tal-proċess.

ta' Ottubru 2020[43], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati kollha biex jiġu ġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija taħt dak maħsub fl-Artikoli 317(b) u/jew 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ormai prinċipju assodat in materja li *meta ... ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti. Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat*[44].

Fid-dawl ta' tali prinċipju għalhekk il-Qorti tqis li skond dak indikat fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali, għandha tqis il-posizzjoni ta' l-imputati fid-dawl tal-provvedimenti enunċjati fl-Artikoli 317(b) u/jew 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux tal-provvediment enunċjat fl-Artikolu 316 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 317(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull minn volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u* ***dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, jeħel, meta jinsab ħati*** *- ... (b) jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa' ħames snin.*

L-Artikolu 318 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *kull min volontarjament jagħti in-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u* ***dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa****, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa' erba' snin.*

Id-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ provvedimenti tal-Liġi hija ferm ċara: l-Artikolu 317(b) tal-Kap.9 japplika jekk il-bini, vettura, għarix jew lok ieħor jew materjal li jingħata n-nar volontarjament jkun **qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq** lil bini ieħor, għarix ieħor jew lok ieħor fejn f'dak il-waqt kien hemm ġewwa persuna, filwaqt li l-Artikolu 318 tal-Kap.9 japplika jekk il-bini, vettura, għarix jew lok ieħor jew materjal li jingħata n-nar volontarjament **jkun qiegħed b'mod li ma jistax**

[43] Fol. 688 tal-proċess.
[44] Il-Pulizija v. Michael Carter, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001.

**iqabbad ħruq** f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa.

Fil-każ in eżami rriżulta li l-imputati taw in-nar lil vettura di proprjetà ta' Simon Vella bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CBF-304 fil-ħin li din kienet ipparkjata barra r-residenza tiegħu bl-isem "Tan-Naħlu Farmhouse", Triq l-Irdum ta' Għajn Ħadid, Selmun. In konnessjoni ma' dan l-akkadut kienet infetħet Inkjesta u kien ġie nominat Dr. Daniel Vella bħala Espert Forensiku sabiex *inter alia* jirrelata dwar il-ħruq ta' din il-vettura ta' Simon Vella u fir-rigward ikkonkluda li: *l-esponent jikkonkludi b'ċertezza li in-nar li seħħ fuq il-vann … CBF-304 nhar it-28 ta' Jannar 2019 għall-ħabta tal-ħdax nieqes għaxra ta' filgħaxija quddiem il-fond bl-isem "Naħlu Farmhouse" f'Triq l-Irdum ta' Għajn Ħadid ġewwa Selmun, kien wieħed li tkebbes b'mod doluż u intenzjonali. … Peress illi l-pickup CBF-304 kien jinsab ipparkjat viċin il-fond ta' sidu, Simon Vella, u l-ħruq ta' dan kien ikkonfermat każ ta' nar doluż, l-esponent ried jifhem jekk il-ħruq tal-pickup setax b'xi mod iwassal biex l-istess fond jieħu n-nar. Ir-razzett "Tan-Naħlu" kien jikkonsisti f'terran f'forma kwadra fejn kien jgħix is-sid Simon Vella … u ħdejh, stalla fejn kien qed jinżamm żiemel… Ma' ġenb l-istalla kien hemm kamra oħra tawwalija fejn, skond Simon Vella, kien hemm miżmuma għodda u annimali…. Ir-razzett kien aċċessibbli minn parapett imdaqqas magħluq dawra mejt b'ħitan għolja c. 4 filati u grada tal-metall … li kienet tissakkar b'katnazz. Imwaħħal mal-grada kien hemm frejm ta' l-injam għoli mill-art madwar 8 filati. Fil-ħin ta' l-aċċess għaddej minn fuq il-frejm kien hemm xi dwal tal-Milied u, fin-nofs tiegħu, floodlight. Fuq il-ħitan tal-parapett, mad-dawra kollha tal-parapett, kien hemm installat chicken wire mesh tal-plastik madwar metru għoli 'l fuq mill-ħajt. L-esponent estima li d-distanza bejn il-grada u l-kantuniera ta' bejn it-terran u l-istalla kienet ta' 30 pied (c. 9m). Aktar 'l quddiem fuq ir-razzett kien hemm ħawt kwadru miżrugħ u magħluq biċ-chicken wire tal-plastik … u arja oħra miżrugħa b'xi siġar … Din ta' l-aħħar kienet magħluqa b'ħajt baxx tal-bricks għoli żewġ filati. Fil-ħin ta' l-aċċess, … il-pickup CBF-304 kien jinstab ipparkjat quddiem il-fond kif indikat bin-numru 8 fil-Figura 2. L-esponent estima li, bejn il-parti ta' quddiem tal-pickup u ċ-ċint baxx ta' quddiemu, (għoli madwar 2 filati), kien hemm bejn 1 u 1.5m. Bejn il-pickup u l-ħajt ta' quddiem kien hemm numru ta' qsari uħud tal-plastik, ta' qisien u forom differenti u b'pjanti miżrugħin fihom. Il-vettura kienet tinstab fuq in-naħa tal-lemin tal-grada tal-metall, għal min qed iħares lejn il-fond minn barra l-fetħa. Bejn il-ġenb ta' naħa tax-xelluq tal-pickup u l-ħawt immarkat bin-numru 5 fil-Figura 2, l-esponent estima li kien hemm mill-anqas 2.5m. …* ***Fl-opinjoni ta' l-esponent, in-nar li tkebbes fuq il-ġenb tan-naħa tas-sewwieq tal-pick up u fuq il-bonit, ma jagħmilhiex possibbli li in-nar jimxi għal fuq il-proprjetà ta' Simon Vella. Li kieku n-nar tkebbes direttament ġewwa l-kabina tal-passiġġieri fejn il-fire load tkun akbar, l-esponent jifhem li kien ikun hemm il-possibilità li ssir ħsara superfiċjali fuq il-frejm ta' l-injam ta' mal-grada u possibilment tidwib taċ-chicken wire tal-plastik l-eqreb tal-vettura. Il-fatt li dakinhar kienet għamlet ix-xita u li l-injam u l-plastik kienu mxarrba, jagħmilha inqas probabbli li l-injam jaqbad u l-plastik idub***[45].

[45] Enfasi tal-Qorti.

Din l-aħħar opinjoni ta' l-Espert Forensiku Dr. Daniel Vella ġiet imtennija minnu fix-xhieda li ta tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, fejn appuntu ddikjara li *skond l-opinjoni tiegħi jiena ma naħsibx li kien hemm l-ebda riskju illi n-nar kien ser jasal fuq il-post indikat bin-numru 1* - ossia r-residenza ta' Simon Vella. *Il-mod ta' kif tqabbdet il-karozza, jiġifieri mill-ġenb tan-naħa tal-lemin u l-fatt li l-fuel intefa' fuq il-karozza min-naħa ta' barra, għalija jagħmilha naqra iktar diffiċli illi n-nar seta' fil-fatt jinfirex għal fuq il-proprjetà. Issa x'jiġifieri seta' jinfirex fuq il-proprjetà, numru 7 kien hemm grada tal-metall li ma' din il-grada kien hemm frame ta' l-injam, li kien hemm xi dwal fuqu imbagħad il-perimetru jibqa' jdur b'xi chicken wire tal-plastik. Sal-punt fejn intefa' n-nar ma kien hemm ebda ħsara, sa' fejn stajt nara jiena fuq dan l-injam, ma naħsibx li kien ser ikun hemm dik il-ħsara at the point li dana n-nar intefa'. Potentially kieku dan in-nar tqabbad fuq ġewwa tal-vettura, fejn għandek ħafna iktar materjal x'jaqbad u għandek fireload ikbar, hemmhekk seta', għax ma ġratx, imma seta' kien hemm xi danni fuq dina l-istruttura ta' l-injam. Again, given iċ-ċirkostanzi, li kienet għadha kif għamlet ix-xita dakinhar kien imxarrab, id-direzzjoni tar-riħ kienet opposta jiġifieri kien qed jonfoħ ir-riħ minn fuq il-farm għal fuq il-karozza u lil hinn minnha, jiena naraha naqra far fetched li n-nar kien jilħaq, definitely żgur li le r-residenza number 1 fejn kien qed jgħix u jabita s-sur Vella*[46].

L-opinjoni ta' l-Espert Forensiku Dr. Daniel Vella hija waħda piuttost ċara u cioè li minħabba l-varji fatturi msemmija minnu, fosthom il-fatt li kien hemm ċerta distanza minn fejn kien hemm il-vettura li ngħatat in-nar mill-imputati għall-parti tal-fond fejn attwalment kien jirrisjedi Simon Vella, il-mod kif tkebbes in-nar fuq il-vettura in kwistjoni u cioè fuq barra u mhux fuq ġewwa fejn kien hemm iktar materjal kombustibbli, il-fatt li kienet għadha kemm għamlet ix-xita u allura d-dintorni kienu imxarrba u d-direzzjoni li fiha kien qed jonfoħ ir-riħ, ossia 'l hemm mir-residenza u mhux lejha, ma kienx possibbli li jaqbad ukoll il-fond residenzjali ta' Simon Vella meta l-istess Simon Vella u s-sieħba tiegħu Caroline Cilia kienu fl-istess fond. Huwa evidentement in bażi għal tali opinjoni ta' l-Espert Forensiku li l-imputati jikkontendu li l-ammissjoni tagħhom għall-hruq volontarju tal-vettura ta' Simon Vella bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CBF-304 għandha tiġi kkunsidrata in kwantu rigwarda r-reat ta' ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies previst fl-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni però tqis li l-imputati għandhom jinstabu ħatja tar-reat ta' ħruq b'periklu komuni ai termini ta' l-Artikolu 317(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi b'mod premeditat huma taw in-nar lil vettura tas-sieħeb ta' omm l-imputati Danika Cilia u Sylvan Cilia meta kienu jafu li hu u ommhom kienu fir-residenza, kwindi dan kien reat ikkontemplat u mhux xi ħaġa spontaneja jew mera att vandalu. Apparte minn hekk il-Prosekuzzjoni tikkontendi li oltre l-fatt li ma kienx hemm wisq distanza bejn il-vettura u r-resdienza, l-istess vettura kienet, fil-ħin tal-ħruq, mimlija karburant. Il-Qorti però ma tistax tara kif din il-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tista' treġi stante li fl-ewwel lok ma tressqet l-ebda prova li turi li l-vettura in kwistjoni kienet effettivament mimlija karburant u għad illi tibqa' (il-Prosekuzzjoni) tinsisti li d-distanza bejn il-vettura u l-perimetru tal-fond ta' Simon Vella ma kenitx daqstant

[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2019, fol. 138 sa' 141 tal-proċess.

kbira, xorta waħda ma ressqet l-ebda prova oħra li b'xi mod ixxejjen u/jew tikkontradixxi l-opinjoni teknika ta' l-Espert Forensiku Dr. Daniel Vella.

Għalkemm ai termini ta' l-Artikolu 656 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta *min għandu jiddeċiedi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu* u għalkemm hemm diversi sentenzi li jsostnu li *l-Qorti għandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li għandha teżerċita l-irwol tagħha ta' superviżjoni u għandha tagħmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Għalhekk għandha l-libertà tiskarta l-opinjoni ta' l-esperti anke jekk maħtura minnha ... u l-partijiet għandhom id-dritt iressqu l-provi tagħhom*[47], din il-Qorti hija fermament tal-fehma li hija tista' effettivament tiskarta opinjoni teknika **biss** jekk mill-provi prodotti tkun presważa li dik l-opinjoni ma hijiex korretta. Fin-nuqqas ta' tali provi li jikkonvinċuha mod ieħor minn kif konkluż mill-Espert Tekniku, il-Qorti ma tistax, anzi ma għandhiex b'mod leġġer tiskarta opinjoni teknika li tidderiġija dwar punti tekniċi pertinenti għall-każ pendenti quddiemha. Fil-każ in eżami tali provi ma tressqux, anzi mill-provi prodotti jirriżulta li minkejja li tkebbes in-nar fuq il-vettura ta' Simon Vella, il-fond inniffsu, u dana fl-ebda parti tiegħu, lanqas fuq il-frame ta' l-injam ta' mal-grada u lanqas mic-chicken wire tal-plastik, li kienu effettivament il-partijiet l-iktarviċini għall-vettura, ma ħax in-nar jew sofra xi danni, imqar minimi, minħabba tali nar.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputati **Joel Falzon, Danika Cilia miżżewġa Falzon, Sylvan Cilia** u **Paul Farrugia** għandhom, ilkoll kemm huma, jinstabu ħatja tar-reat ta' ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies previst fl-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati kollha:**

L-imputati **Joel Falzon, Danika Cilia miżżewġa Falzon, Sylvan Cilia** u **Paul Farrugia** lkoll flimkien qed jiġu akkużati wkoll aktar talli matul dawn l-aħħar xhar ġewwa dawn il-gżejjer assoċjaw ruħhom ma persuna jew persuni bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta 'priġunerija. Kull wieħed mill-imputati wieġeb li ma huwiex ħati ta' tali imputazzjoni dedotta kontrih/kontriha stante li f'dan il-każ jirriżulta reat kompletat. Detto ciò fit-trattazzjoni finali d-Difensur ta' l-imputati Joel Falzon, Danika Cilia u Sylvan Cilia ssottometta li in pessima ipotesi għall-imputati minnu rappreżentati, it-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom, ossia r-reat ta' l-assoċazzjoni previst fl-Artikolu 48A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa mezz għall-fini u b'hekk b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 17(h) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma hemmx piena aġġuntiva.

L-Artikolu 48A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat. (2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni. (3) Kull min jinsab ħati ta' assoċjazzjoni taħt dan l-artikolu jista' jeħel il-piena għal delitt ikkunsmat li jkun l-*

[47] Il-Pulizija v. George Xuereb, App. Kost. Nru. 24/08 deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Frar 2011.

*għan tal-assoċjazzjoni, imnaqqsa b'żewġ gradi jew tlieta. (4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (3), sabiex tiġi stabbilita l-piena għar-reat sħiħ li jkun l-għan ta' l-assoċjazzjoni, għandhom jitqiesu iċ-ċirkostanzi kollha li jaggravaw dak ir-reat.*

Fir-rigward ta' l-elementi tar-reat ta' assoċjazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 48A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif dan jinkwadra fil-kuntest tar-reat kompletat, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Darren Debono, Appell Nru. 387/13** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-27 ta' Frar 2019, fejn ġie osservat illi: *bejn ir-reat ta' assoċjazzjoni u r-reat ta' serq aggravat m'hemmx inseparabilità ġuridika. Il-"fatt" li jwassal għall-ewwel reat mhux l-istess "fatt" li jwassal għat-tieni reat.* ***Il-qofol ta' l-ewwel reat huwa l-ftehim bejn mill-inqas tnejn min-nies biex iwettqu delitt. Bħalma jgħid is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 48A, l-assoċjazzjoni "tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni"***[48]*. Il-qofol tat-tieni reat huwa s-serq (f'dan il-każ it-tentattiv ta' serq), naturalment bil-kwalifiki attenwanti. Dak li jeżisti bejn l-Ewwel Kap u t-Tieni Kap huwa l-konkors materjali u allura l-applikabilità tal-paragrafu (h) ta' l-artikolu 17 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta*[49]*. Illi allura dan il-pjan maħsub kien mezz għall-fini għalbiex jiġi kommess id-delitt tas-serq, kif hekk ukoll jista' jitqies il-mezz ta' l-użu ta' l-arma tan-nar sabiex seħħ ir-reat. Dan għaliex f'każ ta' diversi reati intiżi għall-kommissjoni ta' reat ieħor, tiġi applikata l-piena l-aktar gravi fit-termini ta' l-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali kif ġustament sottomess mill-appellant fl-appell minnu intentat. Is-subinċiż (h) ta' l-artikolu 17 jiddisponi li meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt kwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi. Dan ifisser li tkun instabet ħtija għaż-żewġ reati jew aktar kontra l-ħati u mhux li reat jikkanċella l-eżistenza ta' xi reat ieħor li jkun serva bħala mezz għall-fini biex jiġi kommess ir-reat. Hija biss għall-fini ta' piena li r-reat li serva bħala mezz għall-fini ma jittieħedx in konsiderazzjoni, imma dikjarazzjoni ta' ħtija dwaru jkun hemm dejjem u għalhekk dar-reat ikun jeżisti u jakkompanja lir-reat l-ieħor*[50]*.*

Għalkemm fil-każ in eżami r-reat in kwistjoni huwa dak ta' ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies ai termini ta' l-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux reat ta' serq, il-prinċipji ġuridiċi fundamentali li joħorġu mill-preċitata sentenza japplikaw fil-każ in eżami wkoll.

Mill-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati Joel Falzon, Danika Cilia, Sylvan Cilia u Paul Farrugia[51] jirriżulta li effettivament kien hemm ftehim bejniethom biex jitilgħu Selmun fejn joqgħod Simon Vella sabiex jagħtu n-nar lill-vettura tiegħu u dana bħala tpattija għall-mod kif, skonthom, dan Simon Vella ttratta lil Danika Cilia u Sylvan Cilia u anke lil Joel Falzon. Dan il-ftehim ġie sussegwentement segwit bl-att innfisu tal-ħruq tal-vettura, fatt dan ammess mill-imputati kollha. Fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi iktar 'l fuq ċitati jirriżulta għalhekk li l-ftehim li kien hemm bejn l-imputati biex jingħata n-nar lill-vettura ta' Simon Vella huwa fatt fih innifsu li jwassal għar-

[48] Enfasi ta' din il-Qorti.
[49] Ir-Repubblika ta' Malta v. Antoine Grima, Att ta' Akkuża Nru. 14/2014, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-13 ta' Ottubru 2016.
[50] Il-Pulizija v. Omissis, App. Nru. 49/02 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Ġunju 2003.
[51] Vide traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijiet a fol. 423 sa' 503 tal-proċess.

reat ta' assoċjazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 48A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li l-att innifsu tal-għoti in-nar lill-istess vettura huwa l-fatt l-ieħor li jwassal għar-reat separat ta' ħruq bla periklu għall-ħajja kontemplat appuntu taħt l-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk jissussistu żewġ reati u li tagħhom it-tnejn huma ħatja l-imputati kollha iżda siccome l-ftehim li jingħata n-nar lill-vettura ta' Simon Vella kien jikkostitwixxi l-mezz għall-fini tat-twettiq tar-reat ta' ħruq innifsu, għall-finijiet ta' piena għandu jiġi applikat il-provvediment ta' l-Artikolu 17(h) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - hekk kif del resto sottomess, kif già osservat, mid-Difensur ta' l-imputati Joel Falzon, Danika Cilia miżżewġa Falzon u Sylvan Cilia waqt it-trattazzjoni orali.

Fid-dawl ta' dan appena osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-imputati kollha għandhom jinstabu ħatja tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

**It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati Joel Falzon, Sylvan Cilia u Paul Farrugia:**

L-imputati **Joel Falzon, Sylvan Cilia** u **Paul Farrugia** qed jiġu akkużati wkoll talli fil-lejl ta 'bejn it-12 u 13 ta 'Jannar 2019, ġewwa l-Mellieħa ikkommettew serq ta 'vettura ta 'l-għamla Mercedes Numru ta 'Reġistrazzjoni DJF-953 għad-dannu ta ' Simon Vella u jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-lok, ħin, mezz, valur li jeċċedi €2,329.37 u xorta tal-ħaġa misruqa. It-tlett imputati wieġbu li huma ħatja ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

L-imputazzjoni kif oriġinarjament dedotta fil-konfront ta' l-imsemmija tlett imputati hija kjarament impostata fuq ir-reat ta' serq aggravat bil-lok, ħin, mezz, valur li jeċċedi €2,329.37 u bix-xorta tal-ħaġa u dana bi vjolazzjoni ta' l-Artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 263(a), 267, 269, 270 u 271(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 8 ta' Ottubru 2020[52] però, l-Avukat Ġenerali bagħat lil dawn it-tlett imputati sabiex jiġu ġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija taħt dak maħsub fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 263, 267, 270 u 271(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta bil-piena kif prevista fl-Artikoli 278(3) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Min-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju jirriżulta immedjatament evidenti li għalkemm l-Avukat Ġenerali indika l-Artikolu 261(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li s-serq jista' jkun ikkwalifikat bil-lok, naqas milli jindika l-Artikolu 269 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa l-provvediment tal-Liġi li effettivament jittratta dwar ir-reat ta' serq aggravat bil-lok. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni ta' tali artikolu tal-Liġi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju u fid-dawl tal-prinċipju ġuridiku ġià iktar 'l fuq ċitat b'referenza għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati kollha flimkien, enunċjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter** deċiża fis-7 ta' Diċembru 2001, il-Qorti tqis li hija tista', minkejja l-ammissjoni tagħhom għat-tielet imputazzjoni kif oriġinarjament dedotta kontrihom, issib lill-imputati Joel Falzon, Sylvan Cilia u Paul Farrugia ħatja tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa iżda mhux ukoll bil-lok.

[52] Fol. 687 u 688 tal-proċess.

Fid-dawl ta' dan appena osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-imputati Joel Falzon, Sylvan Cilia u Paul Farrugia għandhom jinstabu ħatja biss tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa.

**Ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati Joel Falzon u Sylvan Cilia:**

L-imputati **Joel Falzon** u **Sylvan Cilia** qed jiġu akkużati wkoll talli fil-lejl ta 'bejn l-4 u 5 ta 'Diċembru 2018 ġewwa Rabat, Malta, ikkommettew serq ta 'sett pjanċi ta ' Reġistrazzjoni Numru EAF-105, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa. Entrambe l-imputati wieġbu li huma ħatja ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom u in bażi għal tali ammissjoni l-Qorti tqis li għandha effettivament issib lill-imputati Joel Falzon u Sylvan Cilia ħatja ta' din ir-raba' imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront tagħhom.

**Il-ħames, sitt, seba' u tmien imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat Joel Falzon:**

L-imputat **Joel Falzon waħdu** qed jiġi akkużat: (5) talli nhar it-28 ta' Jannar 2019 għall-ħabta ta' 22:50hrs ġewwa dawn il-gżejjer saq vettura DJF-953 b'manjiera perikoluża, bla kont u traskurata; (6) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostatnzi kkaġuna ħsara involontarja fuq vettura DJF-953 liema ħsara teċċedi €2,500 għad-dannu ta' Simon Vella u/jew persuni oħra; (7) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura DJF-953 bi pjanċi ta' reġistrazzjoni li ma jappartjenux lil dik il-vettura u cioè pjanċi numru EAF-105; u (8) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura DJF-953 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

Huwa wieġeb li huwa ħati tal-ħames, sitt u seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu iżda ma huwiex ħati tat-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat Joel Falzon għall-ħames, sitt u seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, il-Qorti tqis li għandha ssibu hekk ħati ta' dawn it-tlett imputazzjonijiet.

In kwantu rigwarda t-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat Joel Falzon, ossia li saq vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DJF-953 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni, jiġi osservat li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ħtija ta' l-imputat għal tali imputazzjoni 'l hinn minn kull dubju raġonevoli.

Mid-dokumentazzjoni esebita minn Stephen Cachia, rappreżentant ta' Transport Malta, jirriżulta li l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DJF-953 kellha koperatura assikurattiva b'effett mill-24 ta' Diċembru 2018 sat-30 ta' April 2019[53]. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ulterjuri fir-rigward ta' tali polza assikurattiva u ċertament ma ressqet l-ebda prova li turi 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-

[53] Dok. "TM2" a fol. 572 sa' 577 tal-proċess.

imputat Joel Falzon ma kienx hekk kopert b'polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura imsemmija.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li ma tistax issib lill-imputat Joel Falzon ħati tat-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Imputazzjoni ulterjuri dedotta fil-konfront ta' l-imputati Joel Falzon u Sylvan Cilia:**

L-imputati **Joel Falzon** u **Sylvan Cilia** qed jiġu akkużati wkoll talli kkommettew reat ta 'serq u ħruq ta 'vettura għal liema reat hemm kontemplat piena ta 'priġunerija, fil-perijodu operattiv ta 'sentenza sospiża definittiva imposta fuqhom mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D., nhar it-8 ta 'Novembru 2018. Iż-żewġ imputati baqgħu għal kollox siekta fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari u għaldaqstant il-Qorti tqis li għandha tieħu s-skiet tagħhom fir-rigward bħala dikjarazzjoni li ma humiex ħatja ta' l-istess.

Is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sylvan Cilia u Joel Falzon**, pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Novembru 2018, ġiet esebita mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bħala Dok. "EGF" a fol. 644 sa' 646 tal-proċess. Din is-sentenza ngħatat fil-konfront ta' Sylvan Cilia, iben Anthony u Carolina neè Costa, imwieled il-Pietà fit-3 ta' Diċembru 1998 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 70499(M) u fil-konfront ta' Joel Falzon, iben Paul u Anna Maria neè Barber, imwieled il-Pietà fl-1 ta' Frar 1995 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 68495(M). Il-konnotati ta' l-imputati fil-konfront ta' min ingħatat l-imsemmija sentenza huma l-istess konnotati ta' l-imputati Sylvan Cilia u Joel Falzon f'dawn il-proċeduri. Jirriżulta għalhekk li dik is-sentenza effettivament ingħatat fil-konfront ta' l-imputati Sylvan Cilia u Joel Falzon f'dawn il-proċeduri.

B'dik id-deċiżjoni l-imputati Sylvan Cilia u Joel Falzon ġew misjuba ħatja ta' l-imputazzjonijiet hemm dedotti fil-konfront tagħhom u ġew ikkundannati għal perijodu ta' tmintax-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew sospiżi għal perijodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza. Mix-xhieda mogħtija mid-Deputat Reġistratur Christianne Borg waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020[54], jirriżulta li ma kienx hemm appell mill-imsemmija sentenza u għaldaqstant għaddiet in ġudikat.

Ir-reati ta' serq u ta' ħruq ta' vettura li tagħhom l-imputati Joel Falzon u Sylvan Cilia qed jinstabu ħatja f'dawn il-proċeduri twettqu: (i) fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Diċembru 2018 - rigward l-imputazzjoni dedotta kontra tagħhom flimkien ta' serq ta' sett ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni numru EAF-105, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa; (ii) fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Jannar 2019 - rigward l-imputazzjoni dedotta kontra tagħhom flimkien u ta' Paul Farrugia ta' serq ta' vettura ta' l-għamla Mercedes numru ta' reġistrazzjoni DJF-953 għad-dannu ta' Simon Vella, liema serq hu aggravat bil-ħin, mezz, valur u xorta tal-ħaġa misruqa; u (iii) fit-28 ta'

[54] Fol. 719 tal-proċess.

Jannar 2019 għall-ħabta ta' 22:50hrs - rigward l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom flimkien u ż-żewġ imputati l-oħra ta' ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies.

Dawn ir-reati għalhekk kollha twettqu entro t-terminu operattiv tas-sentenza sospiża datata 8 ta' Novembru 2018 u lkoll iġorru piena ta' priġunerija ai termini tas-segwenti artikoli: Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 48A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 278(3) u 281(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li għandha ssib lill-imputati Joel Falzon u Sylvan Cilia ħatja ta' din l-imputazzjoni wkoll dedotta fil-konfront tagħhom.

**Addebitu tar-reċediva:**

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta lill-imputati **Joel Falzon**, **Sylvan Cilia** u **Paul Farrugia** bħala recedivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta huma kienu ġew misjuba ħatja u kkundannati għal reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 8 ta' Ottubru 2020, l-Avukat Ġenerali indika s-segwenti artikoli tal-Liġi għall-finijiet ta' l-addebitu tar-reċidiva: (i) l-Artikoli 28F, 49 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' l-imputati Joel Falzon u Sylvan Cilia; u (ii) l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-rigward ta' l-imputat Paul Farrugia.

Il-Qorti mill-ewwel tosserva li ma tistax tittratta ma' l-imputat Paul Farrugia bħala reċediv in kwantu l-Prosekuzzjoni ma ressqet assolutament l-ebda prova fir-rigward.

Għal dak li jirrigwarda l-imputati Joel Falzon u Sylvan Cilia, l-unika prova li tressqet għall-finijiet ta' reċediva hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sylvan Cilia u Joel Falzon**, pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Novembru 2018, li kif già ngħad hija sentenza sospiża bir-reati li tagħhom l-imsemmija żewġ imputati qed jinstabu ħatja f'dawn il-proċeduri twettqu tul il-perijodu operattiv ta' l-istess. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk japplika dak provdut fl-Artikolu 28F tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment tal-Liġi jipprovdi li: *meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir tal-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l-ieħor, iżda l-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet ta' l-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura.* Fid-dawl ta' dan għalhekk, il-Qorti għandha, b'effett ta' l-Artikolu 28F tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tittratta lill-imputati Sylvan Cilia u Joel Falzon bħala reċedivi ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Apparte dak provdut fl-Artikoli 28F u 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li fir-rigward ta' l-imputati Joel Falzon u Sylvan Cilia japplika wkoll l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi fis-subartikolu (1) tiegħu jipprovdi li: *(1) fil-każijiet ta' reċediva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu* [is-Sub-Titolu Fuq is-Serq], *il-*

*piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa' tliet gradi.*

F'tali rigward il-Qorti tista' tikkonsidra biss dak li jirriżulta mis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sylvan Cilia u Joel Falzon**, pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Novembru 2018, minn liema appuntu jirriżulta li Sylvan Cilia kien instab ħati ta' *inter alia* serq ta' xatba aggravat bil-lok, ħin u bil-valur liema valur huwa iżjed minn €2,329.40 u Joel Falzon kien instab ħati *inter alia* ta' kompliċità f'serq aggravat bil-lok, ħin, valur li huwa iżjed minn €2,329.40. B'dawn il-proċeduri l-imputati Sylvan Cilia u Joel Falzon reġgħu qed jinstabu ħatja ta' reati ta' serq aggravat u għaldaqstant, jiġi ribadit, huma għandhom jitqiesu u jiġu trattati bħala reċedivi wkoll ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet dwar piena:**

Għall-finijiet ta' piena fir-rigward ta' l-imputat **Joel Falzon**, il-Qorti, apparte milli tieħu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imsemmi imputat jirriżulta li huwa ħati u l-fedina penali tiegħu, qed tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li Simon Vella ddikjara li lest jaħfer lill-imputat kif ukoll il-fatt li Joel Falzon ikkumpensa lill-imsemmi Simon Vella tad-danni kawżati lilu u tieħu in konsiderazzjoni l-*pre-sentencing report*[55] imħejji fil-konfront tiegħu mill-Probation Officer Sharlet Fabri fejn wara li identifikat diversi fatturi u ċirkostanzi konċernanti l-imsemmi Joel Falzon irrakkomandat is-segwenti: *Pjan ta' Kura: L-Uffiċjal tal-Probation tqis li jkun għaqli jekk Joel Falzon ikompli jiffoka l-enerġija tiegħu fuq il-passatempi li għandu filwaqt li jaħdem u jagħmel l-almu tiegħu sabiex ikun missier idoneu għal ibnu. Dan filwaqt li jżomm 'l bogħod minn atti kriminali u jaħdem sabiex isaħħaħ il-karattru u ma jaqax għat-tentazzjoni preżentata lilu li twasslu biex jisker il-liġi. Rakkomandazzjoni: L-akkużi miġjuba fil-konfront ta' l-imputat u li għalihom qed jammetti jimmeritaw piena karċerarja effettiva. Madanakollu meta jiġu meqjusa l-isfond ta' problemi familjari li wasslu sabiex twettqu r-reati odjerni, is-sens ta' lealtà li l-imputat espirma lejn il-mara tiegħu, il-fatt li sar ħlas monetarju għad-danni li l-vittma Simon Vella sofra*[56]*, filwaqt li jiġu kkunsidrati wkoll il-fatt li l-imputat għadu kif sar missier u li ma jirriżultax li fetaħ każijiet kriminali ġodda, qed jiġi umilment suġġerit li din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra li tippenalizza lil Joel Falzon billi jingħata Ordni ta' Servizz fil-Komunità skond l-Artikolu 11 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta u dan filwaqt li s-sentenza sospiża li ġiet miksura terġa' tibda tiddekorri mill-ġdid.*

Għall-finijiet ta' idonejtà ta' l-imputat Joel Falzon għal Ordni ta' Servizz fil-Komunità ai termini ta' l-Artikolu 11 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Probation Officer Sharlet Fabri f'rapport ulterjuri datat u esebit fil-25 ta' Ottubru 2021[57] ikkonstatat li *Joel Falzon stqarr li ma kienx hemm tibdil notevoli bejn l-informazzjoni ppreżentata fir-rapport preċedenti u il-preżent. Huwa baqa' jsostni l-istess stil ta' ħajja bieżla karatterizzata minn impjieg stabbli fi ħdan il-kumpanija ta' missieru u l-ħin mal-familja. Filwaqt li fil-perijodu li Joel Falzon ilu jiġi segwit mis-sottoskritta*

[55] Dok. "JF" a fol. 813 sa' 831 tal-proċess.
[56] Riċevuti annessi mal-*pre-sentencing report* a fol. 830 u 831 tal-proċess.
[57] Dok. "SF1" a fol. 867 tal-proċess.

*permezz ta' Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni qatt ma rriżulta li huwa jabbuża jew huwa maħkum minn xi vizzju, l-idonejtà tiegħu sabiex jitqiegħed taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità ġiet għal darb' oħra kkonfermata minn kampjun ta' l-urina li huwa ssottometta ruħu għalih ġewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole fit-12 ta' Ottubru 2021, u li rriżulta fin-negattiv għas-sustanzi lleċiti tal-kannabis, l-eroina u l-kokaina. Finalment, huwa stqarr li l-ħinijiet tax-xogħol tiegħu huma stabbiliti u jagħtu lok sabiex jekk din l-Onorabbli Qorti tgħaddi għas-sentenza rakkomandata fil-konfront tiegħu, huwa jkun jista' jwettaq is-siegħat ta' ħidma bla ħlas imposti fuqu mingħajr xkiel.*

Għall-finijiet ta' piena fir-rigward ta' l-imputata **Danika Cilia miżżewġa Falzon**, il-Qorti, apparte milli tieħu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imsemmija imputata tirriżulta li hija ħatja u l-fatt li għandha fedina penali netta, qed tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li Simon Vella ddikjara li lest li jaħfer lill-imputata kif ukoll il-fatt li Danika Cilia kkumpensat lil Simon Vella tad-danni kawżati lilu u tieħu in konsiderazzjoni anke l-*pre-sentencing report* imħejji fil-konfront ta' l-imsemmija imputata mill-Probation Officer Svetlana Bezzina[58].

Wara li identifikat diversi fatturi konċernanti l-imputata Danika Cilia miżżewġa Falzon, il-Probation Officer Sveltana Bezzina rrakkomandat illi: *Pjan ta' Kura - Fid-dawl ta' l-informazzjoni preżentata f'dan ir-rapport, jinħass il-bżonn li Danika Cilia tirċievi għajnuna psikoloġika dwar trawmi li għexet fil-passat u li jidher li ħallew impatt kbir fuq l-istat emożjonali tagħha. Dan jista' jsir billi hi tadotta attitudini differenti fir-rigward ta' l-assistenza offruta lilha u billi tattendi għal sessjonijiet ma' psikologa b'mod konsistenti. L-istess servizz jista' jgħin ukoll sabiex il-perċezzjoni tagħha lejn sitwazzjonijiet u persuni diversi jkunu aktar pożittivi. Dan sabiex jitnaqqas iċ-ċans li hija terġa' tinvolvi ruħha f'azzjonijiet simili għal dawk odjerni. Rakkomandazzjoni - Filwaqt illi jirriżulta li l-elementi ta' riparazzjoni digà ġie mogħti attenzjoni xierqa, hekk kif l-imputata kienet parteċipi fi ftehim dwar kumpens li ngħata lill-vittma Simon Vella[59], jinħass il-bżonn li s-sentenza li tingħata lil Danika Cilia tkun waħda li tkompli tagħti attenzjoni lill-aspett ta' riabilitazzjoni u li tinkludi wkoll element ta' deterrent. Għaldaqstant qiegħed jiġi umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Danika Cilia tingħata Ordni ta' Probation skond l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 u li barra minn hekk, tinħareġ fil-konfront tagħha Ordni ta' Trattament, maħruġ skond il-kpaitolu 412D tal-Liġijiet ta' Malta, tirrikjedi li l-imsemmija tirċievi għajnuna psikoloġika u kull forma oħra ta' trattament li tista' tiġi identifikata minn żmien għal żmien skond iċ-ċirkustanzi ta' l-imsemmija. Dan għandu jgħin biex l-imsemmija tikkonforma ma' pjan ta' kura mħejji biex jiġu ndirizzati il-bżonnijiet tagħha u sabiex għaldaqstant jitnaqqas iċ-ċans ta' reċidiva.*

Għall-finijiet ta' piena fir-rigward ta' l-imputat **Sylvan Cilia**, il-Qorti, apparte milli tieħu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imsemmi imputat jirriżulta li huwa ħati u l-fedina penali tiegħu, qed tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li Simon Vella ddikjara li jaħfer lill-imputat, kif ukoll qed tieħu in konsiderazzjoni l-*pre-sentencing report*[60] imħejji fil-konfront tiegħu mill-Probation Officer Sharlet

---

[58] Dok. "DC" a fol. 769 sa' 791 tal-proċess.
[59] Riċevuta annessa mal-*pre-sentencing report* a fol. 790 tal-proċess.
[60] Dok. "SC" a fol. 795 sa' 812 tal-proċess.

Fabri u r-rapport ulterjuri tagħha dwar l-idonejtà ta' l-imsemmi imputat għal Ordni ta' Servizz fil-Komunità ai termini ta' l-Artikolu 11 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li identifikat diversi fatturi konċernanti l-imputat Sylvan Cilia, il-Probation Officer Sharlet Fabri għamlet is-segwenti rakkomandazzjoni: *Pjan ta' Kura - L-Uffiċjal tal-Probation hi tal-fehma li l-iktar pass għaqli f'dawn iċ-ċirkostanzi jkun li Sylvan Cilia jirrikorri għal għajnuna psikoloġika sabiex jittratta mal-passat trawmatiku tiegħu. Dan filwaqt li jaħdem aktar sabiex ikun indipendenti u kapaċi jsostni lilu nnifsu mingħjar ma jħossu obbligat lejn ħadd. Rakkomandazzjoni - L-akkużi miġjuba fil-konfront ta' l-imputat u li għalihom qed jammetti jimmeritaw piena karċerarja effettiva. Madanakollu, fid-dawl ta' l-informazzjoni miġbura għall-fini ta' dan ir-rapport u meta jiġu meqjusa l-merti tant partikolari li wasslu sabiex twettqu r-reati odjerni, qed jiġi umilment issuġġerit li din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra li tippenalizza lil Sylvan Cilia fil-komunità billi jingħata Ordni ta' Servizz fil-Komunità skond l-Artikolu 11 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta u dan filwaqt li s-sentenza sospiża li ġiet miksura terġa' tibda tiddekorri mill-ġdid.*

Fir-rigward ta' l-idonejtà ta' l-imputat Sylvan Cilia għal Ordni ta' Servizz fil-Komunità ai termini ta' l-Artikolu 11 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta però, il-Probation Officer Sharlet Fabri f'rapport ulterjuri datat u esebit fil-25 ta' Ottubru 2021[61], osservat illi *mid-dettalji provduti sabiex ġie mħejji r-rapport preċedenti, jirriżulta li kien hemm xi tibdiliet f'ħajjet l-imputat. Dan hekk kif huwa bidel kemm l-impjieg kif ukoll ir-residenza lil lkoll jidhru li huma attribwiti għal argument li nqala' bejnu u bejn l-eks imgħallem tiegħu Paul Falzon, missier il-ko-akkużat f'dan il-każ odjern Joel Falzon. Dan id-diżgwid wassal sabiex għal dawn l-aħħar erba' xhur, Sylvan Cilia beda jikri post għal rasu. Iżjed minn hekk, l-ikkonċernat temm ħesrem l-impjieg tiegħu fi ħdan Tlata Ltd. u immedjatament ġie ingaġġat f'impjieg ieħor fl-istess settur u cioè fil-qasam tal-kostruzzjoni. Għalkemm saret talba għar-rekords aġġornati min-naħa tal-Jobsplus, l-informazzjoni mibgħuta kienet għadha mhix aġġornata. Madanakollu, l-imputat provda kopja ta' l-Engagement Form li ġiet sottomessa sabiex l-impjieg tiegħu jkun regolarizzat fuq bażi full-time sa' mill-15 ta' Lulju 2021. Huwa saħaq li żamm ukoll ix-xogħol li jagħmel fuq bażi part-time fil-ħinijiet ta' filgħaxija, li wkoll ma jirriżultax fir-rekord tal-Jobsplus. Is-Sur Cilia sostna li din il-bidla m'affettwatx ir-relazzjoni tiegħu ma' oħtu Danika u żewġha Joel, tant li stqarr li għadu jżur lilhom, lil binhom u lil ommu li tgħix magħhom pjuttost b'mod regolari. Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni mogħtija fil-konfront ta' Sylvan Cilia sabiex din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra li fost oħrajan tagħti lill-imputat Ordni ta' Servizz fil-Komunità, huwa esprima t-tħassib tiegħu dwar il-ħin li għandu disponibbli sabiex iwettaq tali siegħat, jekk kemm-il darba l-Qorti tgħaddi għall-imsemmija piena. Huwa spjega li jaħdem ħinijiet twal fost il-ġimgħa, nhar ta' Sibt sat-3 ta' waranofsinhar u nhar ta' Ħadd sa' nofsinhar, filwaqt li sostna li mhux f'posizzjoni jaħdem inqas fid-dawl ta' l-ispejjeż li għandu. Għaldaqstant, dawn il-ħinijiet ftit li xejn iħallu lok li fihom titwettaq is-sentenza suġġerita. Finalment, għalkemm fil-perijodu li Sylvan Cilia ilu jiġi segwit mis-sottoskritta permezz ta' Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni, qatt ma rriżulta li huwa jabbuża jew huwa maħkun minn xi vizzju, huwa xorta waħda naqas milli jħalli kampjun ta' l-urina matul il-kumpilazzjoni ta' dan l-aġġornament, minkejja diversi tentattivi*

[61] Dok. "SF2" a fol. 868 u 869 tal-proċess.

*f'żewġ ġranet differenti. Għaldaqstant, l-idonejtà tiegħu sabiex iwettaq xogħol bla ħlas fil-komunità ma setgħetx tiġi vverifikata b'ċertezza.*

Għall-finijiet ta' piena fir-rigward ta' l-imputat **Paul Farrugia**, il-Qorti, apparte milli tieħu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imsemmi imputat jirriżulta li huwa ħati u l-fedina penali tiegħu, qed tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-*pre-sentencing report*[62] imħejji fil-konfront tiegħu mill-Probation Officer Svetlana Bezzina u r-rapport ulterjuri tagħha dwar l-idonejtà ta' l-imsemmi imputat għal Ordni ta' Servizz fil-Komunità ai termini ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li identifikat diversi fatturi konċernanti l-imputat Paul Farrugia, il-Probation Officer Svetlana Bezzina għamlet is-segwenti rakkomandazzjoni: *Pjan ta' Kura – Jinħass il-bżonn li l-imputat jiġi assistit sabiex jifhem kif bl-involviment tiegħu huwa kkontribwixxa sabiex issir ħsara lill-vittmi. Dan għandu jservi biex huwa jibni sens akbar ta' responsabilità lejn l-imġieba tiegħu u sabiex jibda jaħseb aktar fit-tul dwar il-konsegwenzi li l-imġieba tiegħu jista' jkollha fuqu nnifsu u fuq terzi persuni. Barra minn hekk, fid-dawl ta' dwejjaq u ħsibijiet negattivi li jindika l-imputat, jinħass il-bżonn li jiġi evalwat aħjar l-istat emozzjonali tiegħu. Dan jista' jsir permezz ta' għajnuna psikoloġika li għandha wkoll tindirizza t-trawmi li huwa għex fil-passat. Rakkomandazzjoni – Minn dak li jirriżulta minn dan ir-rapport, il-ħiliet f'xogħol manwali huma kwalità pożittiva f'Paul Farrugia. Bil-ħsieb li l-kwalitajiet pożittivi ta' l-imputat jitpoġġew għall-aħjar użu tas-soċjetà, qiegħed jiġi umilment issuġġerit li Paul Farrugia jingħata Ordni ta' Servizz fil-Komunità u dan skond l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan il-mod tkun qiegħda tingħata wkoll attenzjoni xierqa lill-element ta' riparazzjoni lis-soċjetà, hekk kif sa' dan l-istadju l-imputat ma għamilx tajjeb għall-ħsara li kkawża. L-istess Ordni għandha wkoll tgħinu jrawwem sens akbar ta' dixxiplina b'relazzjoni ma' l-aspett tax-xogħol. Barra minn hekk, b'konsiderazzjoni lejn diffikultajiet marbuta mal-passat tiegħu, jinħass il-bżonn li huwa jirċievi għajnuna psikoloġika u għaldaqstant qiegħed jiġi wkoll umilment issuġġerit li tinħareġ Ordni ta' Trattament skond l-Artikolu 412D tal-Liġijiet ta' Malta.*

Fir-rigward ta' l-idonejtà ta' l-imputat Paul Farrugia għal Ordni ta' Servizz fil-Komunità ai termini ta' l-Artikolu 11 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Probation Officer Svetlana Bezzina f'rapport ulterjuri datat u esebit fil-25 ta' Ottubru 2021[63], osservat illi *fid-dawl tal-verbal datat 23 ta' Settembru 2021 Paul Farrugia ntalab jattendi żewġ appuntamenti ġewwa l-Uffiċċju tal-Probation u l-Parole fil-11 u t-18 ta' Ottubru 2021. Fid-dati indikati, Farrugia ntalab jissottometti ruħu għal żewġ testijiet ta' l-urina li rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. B'relazzjoni ma' l-aspett tax-xogħol, Farrugia rrapporta li mill-aħħar laqgħa li saret għal fini tal-pre-sentencing report biddel l-impjieg u li preżentement jinsab ingaġġat f'xogħol ta' kostruzzjoni. Spjega li ftit wara l-preżentazzjoni tar-rapport imsemmi beda jaħdem f'xogħol ta' plumbing u li kien irreġistra lilu nnifsu bħala self-employed fl-istess settur. Huwa sostna li sussegwentement, madwar xahrejn ilu beda jaħdem fis-settur tal-kostruzzjoni ma' kuntrattur u li jkun xogħol bejn is-sitta ta' filgħodu u l-ħamsa ta' filgħaxija. Fost l-oħrajn semma li jagħmel xogħol ta' xufier u bħala helper*

[62] Dok. "PF" a fol. 748 sa' 768 tal-proċess.
[63] Dok. "SB1" a fol. 857 u 858 tal-proċess.

*fuq siti ta' kostruzzjoni. Farrugia stqarr li hemm il-ħsieb li l-imgħallem jirregolarizza l-impjieg tiegħu, filwaqt li semma li għadu rregolarizzat bħala plumber fuq bażi part-time għaliex għadu jagħmel xogħol ta' plumbing u xogħol ieħor manwali għal rasu minbarra x-xogħol fiss tiegħu fil-kostruzzjoni. Ir-rekord maħruġ mill-Aġenzija Jobsplus ...fit-18 ta' Ottubru 2021 infatti juri li Paul Farrugia ilu rreġistrat bħala part-time plumber minn Ġunju ta' l-2021, filwaqt li għadu wkoll reġistrat bħala part-time assembler b'relazzjoni ma' xogħol ta' pupi tal-playmobil li hu rreġistrat f'ismu. Paul Farrugia sostna wkoll li preżentament qiegħed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fir-razzett ta' missieru bil-ħsieb li s-sieħba tiegħu flimkien ma' uliedu jibdew jgħixu miegħu fil-parti rinovata ta' l-istess razzett. L-imputat stqarr li r-relazzjoni tiegħu mas-sieħba tjiebet mat-twelid tat-tieni wild tagħhom u li għal darb' oħra qegħdin jistennew tarbija. Mistoqsi dwar ir-rutina tiegħu ta' kuljum, Farrugia spjega li għadu jorqod fir-razzett ta' missieru u li ta' kull filgħodu jqum jagħlef l-annimali qabel jirrapporta għax-xogħol. Spjega li wara x-xogħol imur jiffirma l-għassa u jqatta' ħin mas-sieħba tiegħu u ma' uliedu sakemm jerġa' jirritorna lura r-razzett sabiex jieħu ħsieb l-annimali u jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fl-istess razzett. Huwa insista li minkejja l-bosta impjenji se jkun possibbli li jalloka ammont ta' siegħat fil-ġimgħa għal xogħol fil-komunità kemm-il darba jingħata Ordni ta' Servizz fil-Komunità. Spjega li l-imgħallem kurrenti jaf bil-proċeduri legali odjerni u sostna wkoll li kapaċi jaħdem minkejja li rrapporta uġigħ fiżiku li jkollu ta' kultant. L-informazzjoni miġbura tindika li fir-rigward ta' l-aspett tax-xogħol, Paul Farrugia jinsab ingaġġat f'aktar minn impjieg wieħed. Filwaqt li jinħass il-bżonn li huwa jistabilizza aktar ruħu f'dan ir-rigward, huwa jidher li għandu bosta ħiliet manwali u juri attitudni pożitiva lejn il-possibilità li jwettaq xogħol fil-komunità. Barra minn hekk, testijiet ta' l-urina meħuda għall-fini ta' dan l-aġġornament jikkonfermaw ukoll li l-imsemmi m'għandux diffikultajiet relatati ma' l-użu tad-droga. Għaldaqstant, sa' dan l-istadju jirriżulta li Paul Farrugia huwa idoneju sabiex iwettaq xogħol fil-komunità.*

**Decide:**

Għaldaqstant u fid-dawl ta' dan kollu osservat:

1. Fir-rigward ta' l-imputat **Joel Falzon**, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b)(h), 28F, 31, 43, 48A, 49, 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 281(a)(b), 289, 318 u 328(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 15(1)(a)(2) u 15(1A) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta issibu:

   - Ħati tar-reat ta' ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies ai termini ta' l-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
   - Ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu;
   - Ħati tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa ai termini ta' l-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
   - Ħati tar-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu;
   - Tittratta miegħu bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm fil-fehma tal-Qorti is-sentenza adatta għandha tkun waħda ta' priġunerija, fid-dawl ta' dak li rriżulta mir-Rapporti tal-Probation Officer Sharlet Fabri fir-rigward ta' l-imsemmi imputat Joel Falzon u ai termini ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, minflok ma tagħti sentenza ta' priġunerija fil-konfront tiegħu tqiegħed lill-imputat Joel Falzon taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità billi jagħmel xogħol bla ħlas għal mitejn (200) siegħa f'dak il-post u skond l-arranġamenti li jsiru mill-Uffiċju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni tal-Qorti, u bil-kondizzjonijiet l-oħra indikati fl-istess Ordni, li qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha.

Din l-Ordni qed issir wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 11(4) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, spjegat lill-imputat Joel Falzon, bi kliem ċar u sempliċi l-effetti ta' l-Ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel reat ieħor, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Ai termini ta' l-Artikolu 11(5) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Servizz bla Ħlas fil-Komunità jintbagħtu lid-Direttur tal-Probation u Parole.

Ai termini ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Joel Falzon milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għal zmien ta' tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza

- Ma ssibx lill-imsemmi imputat Joel Falzon ħati tat-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnha; u

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28B(1)(2)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta:

- Issib lill-imputat Joel Falzon ħati tad-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda fid-dawl ta' dak kollu li jirriżulta mir-Rapporti tal-Probation Officer Sharlet Fabri fir-rigward ta' l-imsemmi imputat, ma tqisx li tkun ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ai termini ta' l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tibdel l-ordni oriġinali ta' sospensjoni ta' tlett (3) snin imposti bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Sylvan Cilia u Joel Falzon", pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Novembru 2018, għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

  A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat Joel Falzon bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' dan it-terminu ta' sospensjoni, reat li ghalih hemm piena ta' priġunerija.

2. Fir-rigward ta' l-imputata **Danika Cilia miżżewġa Falzon** wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(h), 43, 48A u 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibha:

- Ħatja tar-reat ta' ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies ai termini ta' l-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Ħatja tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha.

Peress illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ is-sorveljanza ta' l-imputata minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa: (a) fl-interess li jiġi assigurat li tieħu t-trattament, senjatament l-għajnuna psikoloġika, meħtieġ dwar trawmi li għexet fil-passat u li ħallew impatt fuq l-istat emozjonali tagħha; u (b) anke sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata l-possibilità li l-imputata twettaq reati ulterjuri, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputata taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Probation mogħti llum stess u anness ma' u formanti parti integrali minn din is-sentenza;

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputata bi kliem li tifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqha u li jekk huwa tonqos milli tikkonforma ruħha ma' tali Ordni hekk imposta fuqha, jew tagħmel reat ieħor tul iż-żmien li tali Ordni jkun in vigore, hija tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom qed tinstab ħatja f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Probation jiġu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuq l-imputata tingħata lill-istess imputata.

Peress illi mill-*pre-sentencing report* imħejji mill-Probation Officer Svetlana Bezzina fir-rigward ta' l-imputata Danika Cilia miżżewġa Falzon jirriżulta li hija teħtieġ tirċievi għajnuna psikoloġika u kull forma ta' trattament ieħor li tista' tirrikjedi minn żmien għal żmien u dana sabiex jiġu indirizzati l-effetti ta' trawmi li għexet fil-passat u li ħallew impatt fuq l-istat emozjonali tagħha, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputata taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' sentejn (2) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqha bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tagħha kif ukoll ir-responsabilità tagħha f'każ li ma tikkonformax ruħha ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tagħha, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlha ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

3. Fir-rigward ta' l-imputat **Sylvan Cilia** wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b)(h), 28F, 31, 48A, 49, 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 281(a)(b), 289, 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu:

- Ħati tar-reat ta' ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies ai termini ta' l-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu;
- Ħati tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa ai termini ta' l-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
- Ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu;
- Tittratta miegħu bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Iżda peress illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ is-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa: (a) fl-interess li jiġi assigurat li jieħu t-trattament, senjatament l-għajnuna psikoloġika meħtieġa sabiex jittratta mal-passatt trawmatiku tiegħu; u (b) anke sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata l-possibilità li l-imputat iwettaq reati ulterjuri, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Probation mogħti llum stess u anness ma' u formanti parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputat bi kliem li jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni hekk imposta fuqu, jew jagħmel reat ieħor tul iż-żmien li tali Ordni jkun in vigore, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Probation jiġu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuq l-imputat tingħata lill-istess imputat.

Peress illi mill-*pre-sentencing report* imħejji mill-Probation Officer Sharlet Fabri fir-rigward ta' l-imputat Sylvan Cilia jirriżulta li huwa jeħtieġ jirċievi għajnuna psikoloġika sabiex jittratta mal-passat trawmatiku tiegħu, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28B(1)(2)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta:

- Issib lill-imputat Sylvan Cilia ħati tad-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda fid-dawl ta' dak kollu li jirriżulta mir-Rapporti tal-Probation Officer Sharlet Fabri fir-rigward ta' l-imsemmi imputat, ma tqisx li tkun ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ai termini ta' l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tibdel l-ordni oriġinali ta' sospensjoni ta' tlett (3) snin imposti bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Sylvan Cilia u Joel Falzon", pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Novembru 2018, għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

  A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat Sylvan Cilia bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' dan it-terminu ta' sospensjoni, reat li ghalih hemm piena ta' priġunerija.

4. Fir-rigward ta' l-imputat **Paul Farrugia** wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b)(h), 31, 43, 48A, 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu:

- Ħati tar-reat ta' ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies ai termini ta' l-Artikolu 318 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu;
- Ħati tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa ai termini ta' l-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm fil-fehma tal-Qorti is-sentenza adatta għandha tkun waħda ta' priġunerija, fid-dawl ta' dak li irriżulta mir-Rapporti tal-Probation Officer Svetlana Bezzina fir-rigward ta' l-imsemmi imputat u ai termini ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, minflok ma tagħti sentenza ta' priġunerija fil-konfront ta' l-imputat Paul Farrugia tqiegħed lill-istess imsemmi imputat taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità billi jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt (100) siegħa f'dak il-post u skond l-arranġamenti li jsiru mill-Uffiċju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni tal-Qorti, u bil-kondizzjonijiet l-oħra indikati fl-istess Ordni, li qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha.

Din l-Ordni qed issir wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 11(4) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, spjegat lill-imputat Paul Farrugia, bi kliem ċar u sempliċi l-effetti ta' l-Ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel reat ieħor, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Ai termini ta' l-Artikolu 11(5) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Servizz bla Ħlas fil-Komunità jintbagħtu lid-Direttur tal-Probation u Parole.

Peress illi mill-*pre-sentencing report* imħejji mill-Probation Officer Svetlana Bezzina fir-rigward ta' l-imputat Paul Farrugia jirriżulta li huwa jeħtieġ jirċievi għajnuna psikoloġika sabiex jiġu ndirizzati diffikultajiet marbuta mal-passat tiegħu, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' sentejn (2) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti:

A. Tikkundanna lill-imputati Joel Falzon, Sylvan Cilia u Paul Farrugia jħallsu, f'sehem indaqs ta' terz (1/3) kull wieħed, l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-Perit Richard Aquilina, tas-Scene of Crime Officers WPS 293 Michelle Camilleri u PC 1331 Darren Debattista u tas-Sur John Sacco fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nru. 136/19, liema spejjeż jammontaw għal €394.83[64] relattivament għall-Perit Richard Aquilina u għal €135.00[65] relattivament Scene of Crime Officers WPS 293 Michelle Camilleri u PC 1331 Darren Debattista u €1,027.07 relattivament għas-Sur John Sacco[66]. B'hekk **kull wieħed mill-imsemmija tlett imputati** għandu jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali is-sehem tiegħu ammontanti għal **€518.97**;
B. Tikkundanna lill-imputati Joel Falzon, Danika Cilia miżżewġa Falzon, Sylvan Cilia u Paul Farrugia jħallsu, f'sehem indaqs ta' kwart (1/4) kull wieħed, l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' Dr. Daniel Vella, l-Avukat Dr. Martin Bajada, is-Scene of Crime Officers PS637 Kevin Manicolo u PC 405 Jason Schembri, is-Scene of Crime Officer PC 813 Clinton Vella, l-Avukat Dr. Mario Buttigieg, tat-Tabib Dr. Mario Scerri, Dr. Marisa Cassar fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nru. 170/19, liema spejjeż jammontaw għal €768.30 relattivament għal Dr. Daniel Vella[67], €965.15 relattivament għall-Avukat Dr. Martin Bajada[68], €332.66 relattivament għas-Scene of Crime Officers PS637 Kevin Manicolo u PC 405 Jason Schembri[69], €72.71 relattivament għas-Scene of Crime Officer PC 813 Clinton Vella[70], €1,233.10 relattivament għall-Avukat Dr. Mario Buttigieg[71], €232.00 relattivament għat-Tabib Dr. Mario Scerri[72] u €2,230.20 relattivament

[64] Fol. 127 tal-proċess.
[65] Fol. 517 tal-proċess.
[66] Fol. 718 tal-proċess.
[67] Fol. 156 tal-proċess.
[68] A tergo ta' fol. 182 tal-proċess.
[69] Fol. 260 tal-proċess.
[70] Fol. 13 tal-Procès-Verbal bin-Numru 170/19 a fol. 110 tal-proċess.
[71] A tergo ta' fol. 384 tal-proċess.
[72] Fol. 552 tal-proċess.

għal Dr. Marisa Cassar[73]. B'hekk **kull wieħed mill-imsemmija erba' imputati** għandu jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali is-sehem tiegħu ammontanti għal **€1,458.53**;

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digrieti kollha annessi magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[73] Fol. 599 tal-proċess.